**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat,  Città Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR42/VIII/2023**

**Il-Erbgħa, 29 ta' Marzu 2023.**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Erbgħa, 29 ta' Marzu 2023, fil-17:00.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Joeseph Derincat - Kunsillier
Is-Sur Marcel Tabone – Kunsillier
Is-Sinjorina Maria Portelli - Kunsillier

Skużat:
Is-Sur Charlie Hili – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**42.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fil-17:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**42.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-membru Hili.

**42.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

42.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 41 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

42.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

42.3.3 Ma kienx hemm korrezjonijiet u l-minuti ġew approvati.

**42.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

42.4.1 ġiet sottomessa l-applikazzjoni mad-Dipartiment għal Gvern Lokali (DLG) rigward it-talba għall-fond t'Aġġustament 2023;

42.4.2 ġew sottomessi l-applikazzjoni mal-ERA rigward iż-żbir tas-siġar ta' Pjazza Santu Wistin u ta' Triq Vajrinġa;

42.4.3 dwar il-proġett tal-bdil tal-fanali fiċ-ċentru storiku tar-Rabat, saret laqgħa mal-kuntratur, l-Enġiniera u rappreżentanti tal-Awtorita' tal-Ippjanar (PA). Is-Sindku u William Sultana mill-Bord tal-għażla ta' dan il-kuntratt kienu preżenti wkoll. Is-Sindku qal li minn naħħa tal-PA mhux jaċċettaw li d-*difuser* jibqa kif inhu. L-Enġiniera spjegaw li kif inhuma qed joħolqu inqas *light pollution.* Ser terġa ssir laqgħa, din id-darba fil-post, fejn ikun hemm il-paritjiet kollha u jsiru t-testijiet neċessarji fir-rigward tal-*light pollution*.

42.4.4 fl-14 t'April, 2023 ser issir it-tnehdija tal-*Electric Pedal Cycles* mir-Reġjun Għawdex;

42.4.5 fit-18 t'April,2023 ser ikun hawn żjara minn rappreżentanti tal-Comune di Nichelino fejn magħhom ser ikun hemm l-għaqda tal-fotografija Nichelinese u anke' studenti li qed jitgħallmu l-Ingliż. Il-Kunsill ser jilqagħhom fil-bini amministrattiv tiegħu dakinhar wara nofsinhar.

42.4.6 Is-Sinkdu ssuġġerixxa li jsiru korsijiet għall-anzjani bl-isem 'Gemma' u korsijiet bil-kolalaborazzjoni mal-'Għaqda Ħbieb tal-Presepji'. Il-membri qablu.

**42.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

42.5.1

(i) Rigward PC/00050/17 sit 'Ta' Karawendi', il-Viċi Sindku Azzopardi ġibed l-attenzjoni li fil-laqgħa li għaddiet u fil-presenza tal-Perit, il-Kunsill qabel li l-Perit tal-Kunsill għandu jkun preżenti waqt is-seduta ser ikun hemm tal-Awtorita' tal-Ippjanar f-14 ta' Marzu, 2023. Il-Viċi Sindku qal li hu allura kellu l-amment li l-Kunsill kien se jkun rappreżentat fis-seduta permezz tal-Perit. Meta resqet id-data tas-seduta, ġie avviċinat minn residenti li jgħixu fil-qrib u stqsewh jekk il-Perit tal-Kunsill kienx ser jattendi. Biex ikun ċert ikkuntattja lilll-Perit minn jheddu u dan qallu li mhux ser jattendi għax irċieva struzzjonijiet mill-Kunisll biex ma jattendix. Il-Perit qallu li jekk ma jirċevix bil-miktub minn naħħa tal-Kunsill, mhux ser jattendi għas-seduta tal-Awtorita'tal-Ippjanar (PA). Il-Viċi Sindku żied li ftit wara l-Perit qallu li ser jattendi għax is-Sindku tah l-istruzzjoni biex jattendi. Azzopardi qal li tella post fuq *facebook* fejn semma li ser ikun hemm din is-seduta tal-PA u l-Kunsill ser ikun rappreżentat mill-Perit. Wara qal li ġie mhedded mill-applikanti permezz ta' diversi telefonati. Ikkonluda billi qal li dan l-avventiment jista' jkabbru pero' għażel li ma jagħmel xejn minn dan. Tenna li finalment il-membri tal-Kunsill qedgħin hemm għar-residenti u jekk ittieħdet deċiżjoni fil-Kunsill ħadd m'għandu jdawwarha għal ebda' raġuni.

(ii) Is-Sindku qal li l-Perit kellu jerġa' jressaq l-istess oġġezzjonijiet li l-Kunsill kien qabel fuqhom sena u nofs ilu u li sa minn dakinhar kien irċieva theddid miż-żewġ naħħat. Is-Sindku attenda għall-laqgħa onlajn flimkien mal-Perit. Tenna li l-Kunsill oġġezjona biex ma

jaqax il-post li hu propjeta' tal-Gvern, pero' li ma kienx jaf hu li l-applikanti kienu diġa' rebħu kawża lill-Awtorita' tal-Artijiet biex dan il-post jitwaqqa. Barra minn hekk waqt il-laqgħa onlajn irriżulta li l-art li ser tinbena mhix ODZ (Outside Develpment Zone). F'din il-laqgħa ġie deċiż li l-applikanti ser jirrevedu l-pjanijiet sottomessi orġinarjament.

(iii) Il-Viċi Sindku qal li kieku hu ma sarx jaf b'aċċident, il-Kunsill ma kienx ser ikun rappreżentat fis-seduta u l-istess Kunsill kien jispiċċa jiżżeffen u l-problema kienet teskala.

(iv) Il-membru Buttigieg qal li jekk tkun ittieħdet deċiżjoni fil-Kunsill ma tistax tinbidel u jekk tinbidel, il-membri kolla tal-Kunsill għandhom ikunu jafu anke' jekk tissejjaħ laqgħa b'urġenza.

(v) Il-Viċi Sindku qal li kien hemm proposta u mhux deċiżjoni li jitwaqqa l-post u jekk finalment joħroġ il-permess, il-popolazzjni fir-Rabat tiżdied b'11%. Deċiżjoni tal-Kunsill m'għandiex tinbidel u s-Sindku għandu jerfa' r-responsabillta' ta' kull deċiżjni meħuda.

---

42.5.2 Il-membru Debrincat issuġġerixxa li l-Kunsill jikteb lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jakkwista nforamzzjoni fir-rigward ta'*open spaces* u pakeġġ taħt l-art li qed jiġi suġġerit minn naħħa tal-Ministeru stess. Il-membri qablu.

Tressqet korrispondenza mingħand:-

42.5.3 id-DLG rigward Skemi għall-Kunsilli Lokali 2023 – l-ewwel parti u t-tieni parti;

42.5.4 id-DLG rigward ċirkulari SPI/SCI/02/2023 dwar espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali;

42.5.5 l-PA rigward emenda fl-iskedar ta'parti mill-Kumpless ta' Manresa li deher fl-Gażżetta tal-Gvern tas-7 ta' Marzu 2023;

42.5.6 l-ARMS fejn talbu li jsiru l-pagamenti pendenti tal-konsum tad-dawl u l-ilma tal-latrini pubbliċi. L-ARMS ġiet mgħarrfa li dawn il-kontijiet ma jgħajtux lill-Kunsill u għaldaqstant il-Kunsill mhux responsabbli tagħħhom;

42.5.7 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fejn intbagħtet ittra f'isem is-sidien tad-dar 99/100 fi Triq Vajringa fejn resqu lment dwar it-tranġar atal-bankina. Din l-ittra ġiet risposta permezz tal-Avukat Frank AnthonyTabone.

42.5.8 it-TCTC rigward proposta għall-proġetti innovattivi u edukattivi fil-kunsilli lokali wara l-pandemija;

42.5.9 il-President tal-Każin La Stella fejn intalab lill-Kunsill sabiex wara li jitlesta r-restawr ta' San Ġorġ tal-Ħaġar, jiġi inawgurat u jindaqq l-innu marċ waqt il-marċ li jsir fit-23 t'April, fl-okkażjoni tal-festa liturġika ta' San Ġorġ. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

42.5.10 iċ-*Chairperson* tal-Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki li rringrazjat lill-Kunsill talli organiżża l-wirja għat-tieni darba;

42.5.11 *Gymnpro Gymnastics* rigward attivita' li ser jorganiżżaw fit-30 t'April, 2023 ġewwa l-Oratorju Don Bosco;

42.5.12 ZZZing team li talbu sabiex ipoġġu *skip* fuq il-bankina fi Triq il-31 ta' Marzu. Il-Kunsill m'aċċettax li jitpoġġa *skip* fuq art pubblika;

42.5.13 l-organiżżaturi tal-festa tal-Qalb ta' Ġesu' fil-Fontana. Intalab sabiex il-Kunsill jagħmel toqob għall-antarjoli fi Triq Santa Dminka. Peress li din hi arterja prinċipali, il-Kunsill ma jistax jagħmel dan ix-xogħol;

42.5.14 tal-Fuklar Folk Group fejn taw informazzjoni rigward il-grupp tagħhom.

---

Il-membru Buttigieg ħareġ mill-laqgħa.

Il-membru Portelli daħlet għall-laqgħa.

---

**42.6 Restawr tal-istatwi taz-zuntier tal-Kunvent ta' Santu Wistin u San Ġorġ tal-Ħaġar –** ***update***

42.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħol fuq ir-restawr ta' San Ġorġ tal-Ħaġar għandu jitlesta sa l-ahhar t'April 2023.

**42.7** ***Updgrade tal-Playing Field*** **– Triq taħt Putirjal**

42.7.1 Għandha tinħareġ l-offerta ibbażata fuq ir-rapport ta' Doric Studio.

**42.8 Proġett Pjazza Santu Wistin**

42.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li d-*digital survery* li jinkludi x-xelter, tlesta minn naħħa tal-Perit.

**42.9 Immaniġġjar tat-Traffiku**

42.9.1 Transport Malta (TM) approvat parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' għal sena quddiem:-

(i) 36, Triq Mons. Ġużeppi Farrugia. Dan saret fi Triq Palma peress li fi Triq Mons. Ġużeppi Farrugia ma hemmx fejn isir parkeġġ. Il-Kunsill Lokali kien ġibed l-attenzjoni ta' TM f'dan ir-rigward;

(ii) 107, Triq Repubblika;

(iii) 'Craig Crt', Flat 6, Triq Għajn Qatet.

Il-Kunsill talab il-permess ta' TM għal:-

42.9.2 *traffic mirror* fi Triq Dawwara faċċata tad-dar 'Kandela';

42.9.3 *un/loading bay* quddiem Xerri's Garden Centre fi Triq Borg Geritu;

42.9.4 *double yellow line* quddiem il-ħanut 'Classico' fi Triq Palma.

42.9.5 TM talbet il-veduti tal-Kunsill rigward suġġeriment li tressaq minn resident fi Triq Dawwara. Il-membri ma qablux li din it-triq jew parti minnha ssir *one way.*

42.9.6 Minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex saret pjanta fir-rigward tal-parkeġġi għall-aħħar parti ta' Triq Santa Dminka. Il-membri qablu ma din il-pjanta. TM approvat il-pjanta sottomessa.

42.9.7 Rigward it-talba għall-*double yellow line* tul il-*hoarding wall* li hemm fuq barra ta' sit ta' kostruzzjoni fi Triq il-Wied, TM qed tgħid li ser jitnaqqsu ħafna parkeġġi u qed tissuġġerixxi li jsiru tabelli *no parking for heavy vechiles* u jinżebgħu il-kaxxi tal-parkeġġ. Il-membri ma jaqblux ma dan minħabba l-fatt li bil-vetturi pparkjati ma jistgħux jinħarġu l-vetturi li jkun hemm fil-garaxxijiet tan-naħħa l-oħra tat-triq.

**42.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

42.10.1 Ġew approvati l-pagamenti għax-xhur ta' Marzu u April 2023 skond dokumenti A u B annessi.

### 42.11 Xogħlijiet oħra

Il-membri qablu li:-

42.11.1 l-bankina fi Triq Palma ta' bejn Triq Mons. Ġużeppi Farrugia u Triq Sant Indirija, ssir dritta b'tali mod li jidħlu aktar parkeġġi. Il-bankina xorta ser tibqa' wiesgħa u komda għall-użu tal-pedonali u anke' siġġijiet tar-roti. Il-Kunsill għandu jitkellem mal-Perit sabiex issir il-pjanta biex tiġi approvata minn TM. Din ġiet diskussa peress li ssemiet ukoll waqt il-laqgħa tal-lokalita'.

42.11.2 id-dati tal-attivitajiet għal Jum il-Belt Victoria jkunu dawn:- is-Sibt 27 ta' Mejju - Leone Goes Pop, is-Sibt 3 ta' Ġunju – RockAstra, is-Sibt, 10 ta'Ġunju ssir l-attivita tal-Kunsill fejn jingħata Ġieħ il-Belt Victoria u l-Ħadd, 11 a' Ġunju l-*musical* fl-Oratorju Don Bosco. Din il-materja ser tkun fl-aġenda li jmiss.

42.11.3 jitneħħew il-*litter bins* li huma antiki ħafna mill-belvedere tal-isptar u jinxtraw tlieta ġodda għall-prezz ta' €324 'il wieħed, VAT inkluża;

42.11.4 jinxtara ktieb li ġie ppublikat fl-okkażjoni tal-50 sena mit-twaqqif tal-Otters ASC;

42.11.5 l-kunċert mill-banda tal-Forzi Armati bil-kollaborazzjni tal-JPII Foundation isir fis-26 ta' Mejju 2023 fil-Katidral;

42.11.6 jgħin fl-organiżżazjni u fil-loġistika tal-Festival Gaulitana u m'għandiex tinqabeż is-somma ta' €800;

### 42.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19:30 ta' filgħaxija u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, l-Erbgħa. 3 ta' Mejju, 2023.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |